

21996D0307(08)

7.3.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 57/41

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 75/95****tal-15 ta' Diċembru 1995****li temenda l-Anness XX (Ambjent) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 22/94 tat-28 ta' Ottubru 1994 <sup>(1)</sup>;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/923/KEE ta' l-14 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' tikketta-eko tal-Komunità għal sostanzi li jtejjbu l-ħamrija <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/924/KEE ta' l-14 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' tikketta-eko tal-Komunità għal sostanzi li jtejjbu l-ħamrija <sup>(3)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/925/KEE ta' l-14 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' tikketta-eko tal-Komunità għal rollijiet tal-karti tal-kċina <sup>(4)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 2.eb (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/10/KE) fl-Anness XX għall-Ftehim:

“2.ec **394 D 0923**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/923/KEE ta' l-14 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' tikketta-eko tal-Komunità għal sostanzi li jtejjbu l-ħamrija (ĠU L 364, tal-31.12.1994, p. 21).

2.ed **394 D 0924**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/924/KEE ta' l-14 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' tikketta-eko tal-Komunità għal toilet paper (ĠU L 364, tal-31.12.1994, p. 24).

2.ee **394 D 0925**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/925/KEE ta' l-14 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' tikketta-eko tal-Komunità għal rollijiet tal-karta tal-kċina (ĠU L 364, tal-31.12.1994, p. 32).”.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 94/923/KE, 94/924/KE u 94/925/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 325 tal-17.12.1994, p. 74.

<sup>(2)</sup> ĠU L 364, tal-31.12.1994, p. 21.

<sup>(3)</sup> ĠU L 364, tal-31.12.1994, p. 24.

<sup>(4)</sup> ĠU L 364, tal-31.12.1994, p. 32.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 1996, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 1995.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

E. BERG

---